# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, l-Erbgħa, 13 ta' Ġunju, 2018**

**Kawża Numru 28**

**Rik. Nru. 1018/16JRM**

**CHARICHELON COMPANY LIMITED (C – 14614)**

vs

Niraj **KHANNA**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-8 ta' Novembru, 2016, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (i) taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ, għall-finijiet u effetti kollha tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) issib li l-imħarrek għandu jagħti lill-kumpannija attriċi s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf mitejn u tnejn u tletin euro u ħames ċenteżmi (€ 25,232.05) rappreżentanti nofs il-paga għaż-żmien li kien fadal mill-kuntratt tal-impieg tiegħu mal-istess kumpannija attriċi li l-istess imħarrek temmu qabel iż-żmien miftiehem; u (iii) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha l-imsemmija somma ta' ħamsa u għoxrin elf mitejn u tnejn u tletin euro u ħames ċenteżmi (€ 25,232.05). Talbet ukoll l-

ispejjeż u l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-7 ta' Settembru, 2015, sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Novembru, 2016, li bih tat lill-imħarrek il-jedd li jitħalla jikkontesta l-kawża;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imħarrek fil-5 ta' Diċembru, 2016, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li huwa abbanduna l-impieg tiegħu minn mal-kumpannija attriċi, imma qal li t-temm tal-impieg kien maqbul bejn il-partijiet, u l-kumpannija attriċi aċċettat it-tluq tiegħu mill-impieg bla ebda kundizzjoni. F'kull każ, żied jgħid, l-impieg tiegħu minn mal-kumpannija attriċi ntemm għal raġuni tajba u suffiċjenti biżżejjed skond il-liġi. Iwarrab it-talba tal-kumpannija attriċi għall-kundanna tal-ħlas ta' imgħax u dan billi l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha u ma kienx hemm lokha;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Diċembru, 2016, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda tal-partijiet;

Rat il-verbal magħmul mill-partijiet waqt is-seduta tal-11 ta' April, 2018[1], li bih għarrfu lill-Assistent Ġudizzjarju li kienu waslu fi qbil u li kellhom ifasslu f'kitba t-transazzjoni milħuqa bejniethom biex il-Qorti tagħti sentenza fuq dak li jkunu ftiehmu dwaru;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2018, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel u sabiex, sadattant, il-partijiet jilħqu jressqu l-att ġudizzjarju meħtieġ bit-termini tal-ftehim milħuq bejniethom;

Rat ir-Rikors imressaq miż-żewġ partijiet fil-11 ta' Ġunju, 2018[2], li fih fissru l-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' transazzjoni milħuq bejniethom dwar il-kwestjoni tal-kawża, flimkien ma' talba biex il-Qorti tgħaddi biex tagħti sentenza fuq is-saħħa tal-imsemmi ftehim milħuq;

Rat id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1718, 1723(2), 1725, 1726 u 1729 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet attriċi billi tagħti saħħa lill-ftehim milħuq bejn il-partijiet fil-kawża b'mod li:

**Fl-ewwel lok** tastjeni milli tqis aktar l-**ewwel talba attriċi**, fid-dawl tad-degriet mogħti minnha fit-30 ta' Novembru, 2016;

[1] Paġ. 152 tal-proċess
[2] Paġ. 154 tal-proċess

**Fit-tieni lok** billi tilqa’ limitatament it-**tieni talba attriċi**, fuq ammissjoni tal-imħarrek, u ssib li l-istess imħarrek għandu jagħti lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ għaxart elef euro (€ 10,000) bħala ħlas għas-saldu ta’ kull obbligazzjoni dovuta minnu għall-finijiet tal-artikolu 36(12) tal-Att tal-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għaż-żmien li kien fadal mill-kuntratt ta’ mpieg tiegħu magħha għal żmien definit u mitmum minnu qabel il-waqt;

**Fit-tielet lok** tilqa’ t-**tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ għaxart elef euro (€ 10,000) kif sejjer jingħad: is-somma ta’ ħamest elef euro (€ 5,000) trid titħallas b’seħħ mal-għoti ta’ din is-sentenza, filwaqt li l-bilanċ ta’ ħamest elef euro (€ 5,000) jitħallsu f’rati ndaqs ta’ ħames mitt euro (€ 500) l-waħda kull xahar b’seħħ mit-13 ta’ Lulju, 2018, u għal kull xahar wara sakemm tinqata’ kollha, b’dan li jekk kemm-il darba l-imħarrek jonqos milli jħallas f’waqtha mqar rata waħda ta’ ħlas, isir dovut minnufih lill-kumpannija attriċi l-bilanċ kollu li jkun fadal u fuq dak il-bilanċ jinġema’ mgħax bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) sal-jum li jsir il-ħlas kollu;

**Fir-raba’ lok** tiddikjara li ma hemm l-ebda pendenza fis-seħħ bejn xi waħda mill-partijiet minħabba l-kwestjoni mertu tal-kawża; u

**Fil-ħames lok** tiddikjara li kull parti fil-kawża terfa’ **l-ispejjeż tagħha**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta’ Ġunju, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**13 ta’ Ġunju, 2018**